## FUQ IL-QABAR TA' SULDAT MALTI

*Tajt lil artek u lil ħutek*
*kulma kellek l-istess ħajja;*
*imħabbiet kbar jaħarqu kienu f'qalbek:*
*Imħabba lejn uliedek, lejn dik martek,*
*imħabba lejn din l-art li l-ħajja tatek,*
*li tfajjel 'l hawn u 'l hinn tiġġerra ratek;*
*rebħet minn dawn l-imħabba aħħarija.*
*Waqajt bħal werqa niexfa li milquta*
*minn żiffa riħ, bil-mod merħija taqa'.*
*Min jaf, ħadd forsi*
*ma waqaf qatt fuq qabrek!*
*L-ebda poeta*
*m'għannielek bil-kitarra!*
*Forsi qatt ħlieqa*
*ma bkietlek iż-żgħożija!*
*Għaddew minn fejnek*
*qtajja' kbar ta' nies*
*u sejrin baqgħu*
*fuq oqbra aktar għonja . . .*

*Imm'int ma tħabbilx moħħok*
*għax taf li d-dinja dejjem kienet belha,*
*billi ġriet dejjem wara l-flus u l-bluha;*
*x'jimporta l'ebda għannej hawnhekk ma waqaf*
*biex jgħanni l-għanja li mhux dejjem safja*
*għax ħafna drabi mħallta bl-interessi!*
*Int, kull Rebbiegħa tisma' l-għanja pura*
*tal-bejt l-għasafar ċkejkna, għanja vera*
*mingħajr ebda nteress u mingħajr għira.*
*Din hija l-għanja*
*li kull Rebbiegħa tferraħ l-oqbra tagħna.*
*Din l-għanja biss l-għasafar*
*jitgħallmu minn ħalq ommhom . . .*
*U dina l-għanja biss l-għasafar*
*lill-ulied ċkejkna tagħhom jgħallmu;*
*b'hekk tibqa' ħajja għal dejjem*
*biex kull Rebbiegħa tferraħ l-għadam tiegħek.*

BR. GEORGE MERCIECA S.D.B.